# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 19**

**Rikors numru 1175/07/1 AE**

**George u Rita Żammit**

**v.**

**Emmanuel Agius u Paul Baldacchino f'ismu *proprio* u b'degriet tas-16 ta' Diċembru, 2011, il-Qorti awtorizzat il-leġittimazzjoni tal-atti f'isem Ġeorġina Baldacchino bħala werrieta ta' Paul Baldacchino, ukoll għan-nom ta' P & A Baldacchino Limited (C – 29173)**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma żewġ appelli mressqa minn tnejn mit-tliet konvenuti, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ġunju, 2013 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-

ismijiet premessi li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti filwaqt li sabet lill-imħarrka P&A Baldacchino Limited bħala mhix il-leġittima kontradittriċi tal-pretensjonijiet attriċi, kif ukoll lill-imħarrek Emanuel Aġius bħala mhux il-leġittimu kontradittur fir-rigward tal-konvenju tat-28 ta' Lulju, 2003, sabet lil Ġeorġina Baldacchino (bħala l-werrieta ta' żewġha Paul Baldacchino), u lill-imsemmi Emanuel Aġius responsabbli għall-ħlas lill-atturi fl-ammonti rispettivi hemm imsemmija, filwaqt li ordnat li l-imħarrka Baldacchino terfa' sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż tal-atturi u l-imħarrek Aġius l-erbgħin fil-mija (40%) l-oħrajn u jerfgħu l-ħlas tal-ispejjeż tagħhom;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") talbu li l-ewwel Qorti ssib lil Emanuel Aġius, u/jew Paul Baldacchino f'ismu proprju kif ukoll għan-nom ta' P & A Baldacchino Limited responsabbli sabiex iħallsuhom l-ammont imħallas minnhom akkont fl-okkażjoni ta' ftehim ta' wegħda ta' xiri-u-bejgħ ta' garaxx li l-kuntratt nutarili dwaru baqa' ma sar qatt; tillikwida l-ammont dovut minn kull wieħed mill-imħarrkin u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom l-ammont hekk likwidat skond is-sehem ta' kull wieħed minnhom;

3. Min-naħa tiegħu, Emanuel Aġius laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li (i) l-azzjoni ma tiswiex billi l-atturi jipproċedew kontra t-tliet imħarrkin fuq merti differenti, kif ukoll għaliex l-azzjoni hija neboluża billi, mir-Rikors

Maħluf, ma joħroġx ċar x'kienet in-natura tal-azzjoni; (ii) il-ftehim li Aġius laħaq mal-attur dwar l-għoti ta' xogħol għal valur ta' Lm4,000 twettaq min-naħa tiegħu, u għaldaqstant l-attur ma kellux għalfejn jipproċedi kontra tiegħu; u (iii) fir-rigward tal-konvenju tat-28 ta' Lulju, 2003, itenni li mhux il-kontradittur leġittimu, kif ukoll li t-talba għall-ħlas lura tad-depożitu ma kellhiex titressaq kontrih;

4. L-imħarrek Paul Baldacchino f'ismu proprju kif ukoll f'isem P&A Baldacchino Limited laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet huma nebolużi u ma jissodisfawx dak li titlob il-liġi. It-talba għall-ħlas mhix sostenibbli billi l-konvenju tat-28 ta' Lulju, 2003, ma ġiex reġistrat. Żied jgħid li l-konvenju ma jistax jinġieb quddiem il-Qorti bħala prova, minħabba dak li jgħid l-Artikolu 13 tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta. Tenna li jekk l-azzjoni hija għal rifużjoni ta' depożitu li tħallas fuq il-konvenju, l-imħarrek Emanuel Aġius ma kienx parti fil-ftehim fuq l-att ta' konvenju u għaldaqstant l-azzjoni ma messhiex tressqet kontra tiegħu. Jekk, min-naħa l-oħra, l-azzjoni mhix għal radd lura ta' xi ħlas magħmul, l-atturi kellhom jiddikjaraw fuq xiex kienu qegħdin isejsu t-talbiet tagħhom. L-imħarrek Baldacchino saħaq li ma messux tħarrek personalment u talab li jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-atturi ma kellhomx raġuni valida fil-liġi biex ma jersqux fuq il-kuntratt u ċaħad għalhekk kull talba tagħhom għar-radd lura ta' xi ħlas imwettaq minnhom;

5. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"Il-kaz jitratta dwar bejgh ta' garaxxijiet li qatt ma sehh. Jirrizulta li l-atturi hallsu s-somma ta' €23,293.73 in kwantu ghal:*

*"1, **€9,317.49** lil Emanuel Agius, ammont ta' flus li nghataw permezz ta' cekkijiet datati 11 ta' Novembru 2002 (fol. 4 u 5), 27 ta' Jannar 2003 (fol. 6) u 17 ta' Marzu 2003 (fol. 8).*

*"2. **€13,976.24**. Jirrizulta li fit-28 ta' Lulju 2003 P & A Baldacchino Limited u l-attur iffirmaw konvenju (fol. 9) ghall-bejgh u xiri ta' garaxx f'Hal Qormi ghall-prezz ta' €23,293.73. Fil-konvenju jinghad: "….. mil-liema somma sitt elef lira maltin (Lm6,000) jithallsu fiz-zmien ghaxart ijiem millum u l-kumplament mal-att finali.". Jirrizulta li l-attur ta cekk, datat 29 ta' Awissu 2003, lil Paul Baldacchino ghas-somma ta' Lm6,000. Il-qorti qeghda tifhem li dan ic-cekk kien issarraf.*

*"Il-bejgh baqa' ma sarx u ghalhekk l-atturi jridu flushom lura.*

*"Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet preliminari l-qorti tosserva:*

*"**Eccezzjonijet preliminari ta' Baldacchino u P & A Baldacchino Limited** -*

*"1. Il-qorti ma taqbilx li t-talbiet tar-rikors guramentat m'humiex cari. Hu evidenti li bit-talbiet l-atturi qeghdin jipprovaw jigbru lura l-flus li hargu ghall-negozju relatati ma' xiri ta' garaxxijiet. Tant il-konvenuti jafu x'qeghdin jippretendu li ma kellhom l-ebda diffikulta' li jaghtu eccezzjonijiet fil-meritu u jispjegaw b'mod dettaljat ghaliex il-hlas ma kienx dovut.*

*"2. M'hemmx prova li l-konvenju tat-28 ta' Lulju 2003 kien gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni wara li gew introdotti l-emendi fil-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta. Madankollu n-nuqqas ta' registrazzjoni tal-konvenju ma jfissirx li Zammit m'ghandhomx dritt li jitolbu lura l-flus li hallsu in konnessjoni ma' dak il-konvenju. Ghalkemm hu minnu li l-Artikolu 13 tal-Kap. 364 jipprovdi: "Kull dokument suggett ghal taxxa taht dan l-Att u li fuqu ma tkunx thallset taxxa, ma jistax, hlief fi proceduri kriminali, jingieb bhala prova quddiem xi qorti, arbitru jew perit.", fil-fehma tal-qorti:-*

*"(a) It-tieni eccezzjoni hi rrilevanti ghall-ezitu tal-proceduri gialadarba m'huwiex kontestat li Zammit hallsu s-somma ta' Lm6,000 lil Baldacchino bhala depozitu ghall-akkwist ta' garaxx. Fl-atti giet esebita kopja tac-cekk li nghata lil Baldacchino u hu stess ikkonferma li nghata hlas ta' Lm6,000 minghand George Zammit (ara verbal a fol. 95). Hemm ukoll id-dikjarazzjoni li saret waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2009.*

*"(b) In-nutar li rrediga l-konvenju kkonferma li meta sar il-konvenju kienet ghadha ma dahlitx fis-sehh il-ligi li tezigi li konvenji jigu registrati (ara fol. 153). Fil-fatt kien fl-1 ta' Jannar 2004 li dahlet fis-sehh il-ligi li tipprovdi li konvenju ghall-bejgh ta' immobbli ma jkunx validu jekk ma jinghatax avviz lill-Kummissarju tat-Taxxa. In-nullita' tal-konvenju ggib sitwazzjoni li qiesu qatt ma sar xejn. Ghalhekk l-atturi ghandhom kull dritt li jirkurpraw il-flus li hallsu biex jergghu jitqieghdu fil-posizzjoni li kienu qabel iffirmaw il-konvenju.*

*"**Eccezzjonijiet preliminari ta' Emanuel Agius** -*

*"(3) Il-qorti ma taqbel xejn li l-azzjoni m'hijiex cara. Hu evidenti li l-atturi qeghdin jippretendu l-hlas lura ta' flus li hargu ghall-negozju li qatt ma mmaterjalizza.*

*"(4) Hu minnu li l-konvenut Agius m'huwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-konvenju ffirmat fit-28 ta' Lulju 2003 gialadarba ma kienx parti ghal dak il-konvenju ma rcieva l-ebda flus.*

*"**Meritu**.*

*"(5) Wara li l-qorti rat l-atti tqies li s-somma ta' Lm4,000 thallset lill-konvenut Agius wara li kien hemm qbil bejnu u l-attur li jixtru garaxx bi shab minghand Baldacchino. Jidher li Agius kellu ftehim ma' Baldacchino li jixtri garaxx. L-attur u l-konvenut Agius ftehemu li kull wiehed minnhom ser johrog is-somma ta' Lm4,000 ghal dan in-negozju. Fil-fatt l-attur hallas lil Agius sehemu mill-investiment ghax-xiri tal-garaxx. Pero' konvenju bejn Agius u Baldacchino qatt ma gie ffirmat, u kienu miftehmin li l-hlas ser isir b'materjal u xoghol ta' bini lil Baldacchino. It-trasferiment baqa' qatt ma sehh. Min-naha tieghu l-konvenut Agius kien irkupra s-sehem tieghu minghand Baldacchino billi ftehemu li jnaqqaslu parti mill-prezz tal-bejgh ta' proprjeta' lil bint Agius (ara deposizzjoni ta' Nazzareno Fiteni, fol. 167-175). Zammit ma kienx involut f'dak li kien qieghed isir bejn dawn it-tnejn min-nies ghal dak li jikkoncerna konsenja ta' materjal u xoghol. Dak kien ftehim bejn Agius u Baldacchino. Baldacchino jsostni li ma kienx inghata b'valur ta' Lm8,000. Fil-fatt in kontro-ezami Baldacchino xehed (fol. 216):*

> *"**Dr Michael Grech**: Naqblu li kienu jammontaw ghal cirka tmint elef lira Maltin ?*
>
> "***Xhud**: Le m'hemmx ircevuta ta' tmint elef lira maltin. Jien dejjem insistejt li jiena nhallas fuq l-ircevuti. Jien qatt m'ghidtlu meta gie r-rainbow li mhux veru gie.*
>
> "***Qorti**: Mhux thallas fuq l-ircevuti, tpaci.*
>
> "***Xhud**: Inpaci iva ghandi zball.".*

*"Filwaqt li Agius solva l-problema ghalih ghaliex ftehem ma' Baldacchino li s-somma ta' Lm4,000 titnaqqas mill-prezz ta' appartament li xtrat bintu u l-gharus taghha, lill-atturi hallihom lampa stampa u jippretendi li l-flus ghandhom jirkurprawhom minghand Baldacchino. Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament ta' Agius u tikkunsidra li:-*

*"(i) Ladarba qatt ma gie ffirmat konvenju, qatt ma kienet tezisti relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut Baldacchino ghax-xiri ta' garaxx.*

*"(ii) Is-somma ta' Lm4,000 inghatat mill-atturi lill-konvenut Agius bhala parti mill-investiment sabiex jinxtara garaxx li dwaru qatt ma sar konvenju. Kuntrarjament ghal dak li jsostni l-konvenut Agius (eccezzjoni 3(ii)) il-flus zammhom ghalih peress li l-ftehim li kellu ma' Baldacchino kien li jatih materjal u xoghol.*

*"(iii) Kien Agius li ghamel ftehim verbali ma' Baldacchino li l-prezz jithallas b'xoghol u materjal. Pero' fir-realta' il-ftehim ghat-trasferiment tal-fond ma kellu ebda forza legali ghaliex qatt ma sar bil-miktub (Artikolu 1233(1)(a) tal-Kodici Civili).*

*"(iv) Ir-relazzjoni guridika kienet bejn Baldacchino u Agius li ghamillu x-xogholijiet u kkonsenjalu materjal. Il-kwistjoni dwar il-valur ta' materjal u xoghol li nqaleghet, hi materja li tikkoncerna lil dawn iz-zewg persuni filwaqt li ghall-atturi hi res inter alios acta.*

*"(v) L-atturi jafu lil Agius ghar-rifuzjoni tal-Lm4,000 gialadarba l-flus tawhom lilu ghall-negozju li qatt ma mmaterjalizza. Kien fl-interess tieghu li jizgura li gialadarba ma sarx konvenju, jirkupra dak li seta' jkun dovut lilu ghal xoghol u materjal li kkonsenja lil Baldacchino.*

*"6. Il-qorti m'hijiex konvinta li kif allegaw l-atturi fir-rikors guramentat (ara tielet paragrafu) kien hemm xi ftehim fis-sens li Agius ser ihallas lil Baldacchino Lm4,000 bhala bilanc tal-prezz ghall-akkwist tal-fond oggett tal-konvenju tat-28 ta' Lulju 2003 iffirmat bejn l-atturi u l-kumpannija konvenuta. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel riferenza ghal fatt li:-*

*"(a) L-attur stess ammetta li f'diversi okkazzjonijiet kien talab il-hlas lura ta' Lm4,000 lill-konvenut Baldacchino (fol. 114). Jekk fir-realta' kien hemm il-ftehim li jissemma fil-paragrafu 3 tar-rikors guramentat, Zammit ma spjegax ghalfejn kien qieghed jitlob il-flus minghand il-konvenut Baldacchino.*

*"(b) Fil-konvenju tat-28 ta' Lulju 2003 m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-bilanc ta' Lm4,000 ser jithallas minn Agius. Anzi fil-konvenju jinghad li l-bilanc ghandu jithallas mal-pubblikazzjoni tal-att finali (klawzola numru 1, ara fol. 10).*

*"(ċ) L-attur xehed (13 ta' Frar 2009):*

*"**Qorti**: Jiena fhimtek qed tghid li lis-sur Agius kont ittih l-elf lira u elf lira hekk kif ilesti elfejn xoghol. Mela suppost f'dak il-waqt kien diga' hallashom l-erbat elef.*

"***Xhud**: Ezatt.*

"***Qorti**: Mela ghalfejn qed tghid imbaghad thallas erbat elef meta jsir il-kuntratt ta' bejgh jekk mhux ga mhallsin l-erbat elef ?*

"***Xhud**: Hekk ftehmna imma. Ftehmna li ha ntuh l-erbat elef lira ta' Leli Agius.*

"***Qorti**: Mhux int, Agius kellu jtihomlu.*

"***Xhud**: Agius kellu jtihomlu.*

"***Qorti**: U ga tahomlu skond int ghax ga ghamlu x-xoghol.*

"***Xhud**: Imma kien hemm xi xoghol ghadu qed isir.*

"***Qorti**: Iva imma ga kien ghamel bi tmint elef Agius, xoghol.*

"***Xhud**: Ovvja hux." (fol. 113).*

*"Ghalhekk minn kliem l-attur stess jidher li qatt ma kien hemm xi ftehim mal-konvenut Agius li ser jikkontribwixxi s-somma ta' Lm4,000 biex l-atturi jixtru l-garaxx oggett tal-konvenju ffirmat fit-28 ta' Lulju 2003.*

*"7. Ladarba l-konvenju tat-28 ta' Lulju 2003 skada l-atturi ghandhom kull dritt li jinghataw lura flushom. Minkejja li fuq il-konvenju gie dikjarat li P & A Baldacchino Limited hi l-bejjiegh, id-depozitu ta' Lm6,000 thallas direttament lil Paul Baldacchino permezz ta' cekk datat 29 ta' Awissu 2003 (fol. 7). M'hemmx prova dwar x'ghamel b'dawn il-flus. Waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2009 gie dikjarat: "L-attur u l-konvenut Baldacchino jaqblu wkoll illi l-atturi b'cheque li kopja tieghu qeghda fol. 7, hallas sitt elef lira Maltin lill-konvenut Baldacchino." (fol. 95). Fil-fehma tal-qorti l-atturi ghandhom dritt jitolbu lura l-hlas minghand Paul Baldacchino u llum minghand il-werrieta tieghu, gialadarba li l-uniku prova li hemm hi li l-hlas sar personalment lil Paul Baldacchino. Dan iktar u iktar meta tqies li l-konvenju kien null ghaliex qatt ma gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi, kif titlob il-ligi.*

*"8. Permezz tas-sebgha eccezzjoni l-konvenuti Baldacchino u P & A Baldacchino isostnu li l-atturi ma kellhom ebda raguni valida biex jinhallu mill-ftehim li kellhom u f'kull kaz irrinunzjaw ghall-pretensjoni taghhom li jitolbu l-hlas lura. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-*

*"(a) Din l-eccezzjoni hi ghal kollox inkompatibbli u kontradittorja mal-eccezzjoni numru 2. Filwaqt li jinvokaw in-nullita' fl-istess twegiba guramentata jsostnu li l-atturi ma kellhomx raguni valida biex jinhallu*

> *mill-ftehim. Jidher li l-konvenuti qeghdin jipprovaw jiehdu l-beneficcju minn zewg xenarji differenti.*
>
> *"(b) M'hemmx prova li l-atturi rrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu lura flushom. Jidher li dan l-argument hu bbazat fuq dak li xehed Paul Baldacchino, li l-attur kien infurmah li ma kellux il-flus biex jixtri l-garaxx u qallu li ahjar jitlef il-flus li kien hallsu (fol. 211). Il-qorti ghandha dubji serji kemm din hi l-verita' meta tikkunsidra li l-attur kien diga' hallas Lm6,000 u kien ghad fadal Lm4,000 x'jithallsu. Dan apparti li fil-konvenju imkien ma kien jinghad li d-depozitu jintilef jekk ma jsirx l-att finali.*

6. Illi Ġeorġina Baldacchino, bħala werrieta ta' żewġha Paul Baldacchino (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-appellanti Baldacchino"), appellat mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tad-9 ta' Lulju, 2013, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fejn ċaħdet is-sitt eċċezzjoni mressqa mill-konvenut Paul Baldacchino f'ismu *proprio* u għan-nom ta' P&A Badacchino Limited, u safejn ikkundannat lill-istess Paul Baldacchino f'ismu *proprio* biex iħallas lill-atturi l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24), bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, in kwantu jirrigwardaw lilha, kontra l-atturi appellati;

7. Illi l-imħarrek Emanuel Aġius (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant Aġius") appella mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tat-18 ta' Lulju, 2013, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma t-tieni, it-tielet, is-seba', it-tmien u t-tnax-il kap; tikkonferma s-sitt kap, limitatament safejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' Paul Baldacchino li mhux il-leġittimu kontradittur għar-

rigward tal-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) u tvarjaha billi tiċħad l-eċċezzjoni għar-rigward tal-ammont ta' disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€9,317.50); tikkonferma d-disa' kap fejn sabet li huwa ma kienx il-kontradittur leġittimu fir-rigward tal-konvenju tat-28 ta' Lulju, 2003, u tvarjaha billi tordna li s-somma ta' disat elef tlett mija u sbatax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€9,317.50) m'humiex dovuti minnu; tikkonferma l-ħdax-il kap fejn sabet lil Ġeorġina Baldacchino responsabbli għall-ħlas tal-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) u tvarjaha billi ma ssibux responsabbli għar-rigward tal-ammont ta' disat elef tliet mija u sbatax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€9,317.50); u tvarja l-ewwel, ir-raba', il-ħames, l-għaxar u t-tlettax-il kap billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

8. Fir-Risposta tal-Appell imressqa minnhom fid-29 ta' Ottubru, 2013, l-atturi appellati laqgħu għall-appelli taż-żewġ appellanti billi qalu li s-sentenza appellata hija tajba u talbu li din il-Qorti tikkonfermaha;

9. Illi waqt is-smigħ tat-2 ta' Frar, 2021[1], din il-Qorti ġiet mgħarrfa mill-appellati li l-appellanti Baldacchino kienet ħallsithom l-ammont minnhom

[1] Paġ. 441 tal-proċess.

pretiż u li ma kien baqagħlhom ebda pretensjoni fil-konfront tagħha u tal-kumpanija appellanti P&A Baldacchino Limited. Permezz ta' Nota tat-2 ta' Frar, 2021[2], l-appellanti Baldacchino u P&A Baldacchino Ltd ċedew l-appell tagħhom tad-9 ta' Lulju, 2013;

10. Għaldaqstant pendenti quddiem il-Qorti baqa' biss l-appell tal-appellant Aġius;

11. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ virtwali tat-23 ta' Marzu, 2021, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

12. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkonsidrat:***

13. Illi, ladarba l-appellanti Baldacchino ċedew l-appell tagħhom, jifdal li l-Qorti tistħarreġ is-siwi tal-appell l-ieħor tal-appellant Aġius. F'dan ir-rigward, huwa jressaq **żewġ aggravji**. L-ewwel wieħed hu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti mressqa quddiemha. It-tieni aggravju jgħid li l-azzjoni attriċi tressqet b'żewġ merti differenti. Jgħid li l-azzjoni tressqet fuq kawżali differenti li bejniethom m'hemm ebda konnessjoni u hija għalhekk milquta min-nullità;

[2] Paġ. 442 tal-proċess.

14. Illi l-appellent iressaq l-**ewwel aggravju** tiegħu taħt ħamest irjus li fihom jgħid li l-ewwel Qorti naqset sewwa mill-apprezzament tal-fatti li tressqu quddiemha "b'tali mod li ġiet ikkrejata inġustizzja". Taħt l-ewwel ras, (i) huwa jilmenta li s-sentenza appellata kkundannatu jħallas flejjes li diġà ħallas bis-saħħa ta' ftehim li kien intlaħaq bejn il-partijiet fil-kawża. Fit-tieni lok (ii) itenni li ma kienx sewwa li l-ewwel Qorti sabet li l-attur appellat ma kienx imdaħħal fl-arranġament milħuq bejnu (Agius) u l-appellant Baldacchino *proprio* u *nomine* dwar il-konsenja ta' materjal u xogħol rappreżentanti l-ħlas ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000), u li l-prinċipju ta' "*res inter alios acta*" ma jreġix f'dan ir-rigward. Imbagħad, taħt it-tielet ras (iii) jilmenta li l-ewwel Qorti qagħdet fuq il-kelma tal-imħarrek Baldacchino u ma qisitx il-provi dokumentali li ressaq hu biex juri li s-sehem tiegħu kien ħallsu bil-fornitura ta' materjal u xogħol u li ma fadallu jagħti xejn u la lill-appellant Baldacchino u lanqas lil P&A Baldacchino Ltd. Jilmenta wkoll li (iv) l-ewwel Qorti qieset li hu ġie jaqa' u jqum mill-interessi tal-atturi appellati ("*lill-atturi ħallihom lampa stampa*") u naqset tagħraf li għamel l-almu tiegħu biex jgħinhom biex jiġbru flushom lura u dan minkejja li hu ressaq provi tajba biex juri dan. Fl-aħħarnett, (v) li l-ewwel Qorti naqset tagħraf li l-attur appellat innifsu bosta drabi wera li kien l-imħarrek Baldacchino *proprio* u *nomine* li kien naqashom u ma żammx kelmtu biex iroddilhom flushom meta n-negozju tal-kuntratt baqa' ma sarx;

15. Illi għal dan l-ewwel aggravju, l-atturi appellati jgħidu li huma ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' xi ftehim li seta' kien hemm bejn l-appellanti. Itennu li l-ftehim li l-appellant Aġius jisħaq fuqu huwa neboluż billi, mill-provi mressqa, ma joħorġux ċari l-għan u d-destinatarju tal-konsenji ta' materjal li l-imsemmi appellant jgħid li għamel. Bl-istess mod ma tressqitx il-prova meħtieġa li dan sar bħala forma ta' tpartit mal-flus u max-xiri tal-garaxx mertu tal-kawża. Jgħidu wkoll li, filwaqt li l-appellant ma ddejjaqx jasal għal ftehim għal rasu mal-imħarrek Baldacchino dwar kif kien ser jitħallas lura ta' sehmu, dan il-ftehim ma kienx jinkludihom;

16. Illi dwar l-aggravju in ġenerali, il-Qorti tibda biex tgħid li safejn l-appellant Aġius jikkontesta l-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha, ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[3]. B'dan li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun*

[3] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma.***

*għamlet l-ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[4];

17. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis l-aggravju tal-appellant. Huwa jgħid li l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti huwa żbaljat u "ma hux wieħed lievi iżda huwa gravi" u ħoloq inġustizzja. Mill-atti jirriżulta li x-xiri tal-ewwel garaxx kellu jkun mill-attur appellat u mill-appellant Aġius, b'sehem dan tal-aħħar kellu jitħallas b'materjal. Dan kien riżultat ta' ftehim bejn Aġius u l-imħarrek Paul Baldacchino[5]. Fuq dan il-garaxx, Baldacchino kien ingħata depożitu minn Aġius permezz ta' materjal, xogħol u żewġ ċekkijiet[6]. Min-naħa l-oħra, sehem l-appellat Żammit ma ngħatax dirett lill-imħarrek Baldacchino iżda ntlaħaq ftehim bejnu u l-appellant Aġius fejn l-appellat kellu jgħaddi s-sehem tiegħu mill-ewwel garaxx lil Aġius, u mbagħad l-appellant Aġius

---

[4] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et.***

[5] Ara x-xhieda ta' Paul Baldacchino f'paġ. 208 tal-proċess.

[6] Ara x-xhieda ta' Paul Baldacchino mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 216 tal-proċess. Ara ukoll Dok. "E1" u "E2" f'paġġ. 57 u 58 tal-proċess.

kellu jgħaddi l-ħlas lill-imħarrek Baldacchino b'materjal[7]. Billi l-partijiet ma resqux għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt nutarili ta' xiri-u-bejgħ, ħareġ wkoll li l-appellant Aġius wasal fi ftehim għal rasu mal-imħarrek Baldacchino li s-sehem tiegħu mill-flejjes li għadda lill-imħarrek Baldacchino jinqatgħu kontra l-bejgħ ta' immobbli (l-arja li Reno Fiteni, l-għarus ta' bint Aġius) kien kiseb f'kuntratt ieħor mingħand l-imħarrek Baldacchino *nomine*[8];

18. Illi fuq is-saħħa ta' din ix-xhieda, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ftehim li l-appellant Aġius kellu mal-imħarrek Baldacchino kien wieħed maqtugħ u separat minn dak li l-attur appellat kien laħaq mal-appellant. Fil-fatt, filwaqt li sehem Aġius ingħata lura mill-appellat Żammit, dan baqa' ma ħa qatt lura mingħand Baldacchino s-somma li għadda l-appellant Aġius, għaliex Baldacchino qatt ma għaraf li kien marbut b'xi ftehim li seta' sar bejn l-appellat Żammit u l-appellant Aġius. Żammit itenni li meta ttanta jgħid lill-imħarrek Baldacchino li d-differenza li kien fadallu jagħti fuq it-tieni garaxx, jagħmel tajjeb ghaliha bil-flus li ħareġ fuq l-ewwel garaxx, Baldacchino għarrfu li d-differenza fil-flus (fuq it-tieni garaxx) iridha mingħandu[9]. Din il-Qorti għaldaqstant taqbel mal-ewwel Qorti li l-flus li Żammit għadda lill-appellant Aġius inżammu minn dan għaliex l-appellant ħallas lill-imħarrek Baldacchino b'materjal u mhux bis-somom li kien għaddielu l-appellat Żammit. Isegwi għaldaqstant li huwa Aġius li jrid

[7] Ara x-xhieda ta' Maria Dolores Agius f'paġ. 162 tal-proċess, u x-xhieda ta' Emanuel Agius f'paġ. 190 tal-proċess.
[8] Ara Dok "B", f'paġġ. 48 – 54 tal-proċess, u x-xhieda ta' Nażżareno Fiteni f'paġ. 174 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-appellant Aġius f'paġġ. 181 – 2 tal-proċess.
[9] Ara x-xhieda ta' George Żammit f'paġġ. 105 u 106 tal-proċess.

irodd lura lill-appellati l-ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000). Dan ifisser li, għall-kuntrarju ta' dak li jgħid l-appellant Aġius, is-sentenza appellata ma ħolqot ebda inġustizzja miegħu. Jekk l-appellant Aġius, min-naħa l-oħra, iqis li ta b'xogħol lill-imħarrek Baldacchino kemm jiswa l-ammont li kien irċieva mingħand l-appellati, ir-rimedju m'huwiex dak li jċaħħad lill-appellati minn flushom, imma li jfittex lil min kien tah dak ix-xogħol u baqa' ma ħallsux tiegħu;

19. Illi l-ilment tal-appellant Aġius li l-ewwel Qorti qieset li l-ftehim bejnu u l-imħarrek Baldacchino ma kienx jorbot lill-appellati Żammit, jinbena fuq l-argument li biex ftehim ikun "*res inter alios acta*" għat-terz, dak it-terz irid ikun tabilħaqq għal kollox maqtugħ minn tali ftehim. Huwa jżid jgħid li, allura, meta terza persuna tkun indirettament imdaħħla fi ftehim – bħalma kien l-appellat Żammit – ma tistax titqies bħala barra minnu. F'dan il-każ, l-appellant jgħid li l-appellat Żammit kien jaf bil-ftehim li kien sar bejn l-imħarrek Baldacchino u l-appellant Aġius u li kien qabel li l-flus li ħareġ bħala s-sehem tiegħu mix-xiri tal-ewwel garaxx seta' jintuża mill-appellant Aġius b'xiri ta' materjal għall-użu f'xogħlijiet li l-imħarrek Baldacchino kien iqabbdu jagħmel;

20. Illi l-Qorti tqis li l-argument kollu jinbena fuq "negozju" li ma jeżistix. Ma kien hemm l-ebda ftehim bejn l-appellat u l-imħarrek Baldacchino li l-flus li l-appellat kien għadda lill-appellant Aġius setgħu "jitħallsu" minn dan

b'xogħol u xiri ta' materjal għall-benefiċċju ta' Baldacchino jew ta' xi kumpanija tiegħu. Jekk sar ftehim f'dan is-sens bejn l-appellant u l-imħarrek Baldacchino, tali ftehim ma kienx marbut ma' xi rabta li l-appellat Żammit seta' kellu ma' xi ħadd minnhom. U jekk l-appellat Żammit kien emmen lill-appellant Aġius li kien hemm xi ftehim bħal dak, ma jfissirx li ntwera li Żammit kien qabel jew ried li jsir hekk. Ir-relazzjoni waħdanija li kien hemm bejn l-appellat Żammit u l-appellant Aġius (li kellu jsir konvenju li bih huma jiksbu bi sħab garaxx li kellhom jixtru mingħand Baldacchino jew xi kumpanija tiegħu) kienet li tal-ewwel għadda somom ta' flus lil dan dwar negozju li qatt ma ħa l-ħajja (għaliex il-konvenju ma sar qatt). Min-naħa l-oħra, fir-relazzjoni ġuridika li kienet inħalqet bejn l-appellat Żammit mal-imħarrek Baldacchino *proprio* u *nomine* (l-att ta' konvenju ta' Lulju 2003[10] dwar ix-xiri ta' garaxx minn Żammit għal rasu) l-appellat Aġius ma kellu l-ebda sehem. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li, mir-rabta ġuridika li nħalqet bejn l-appellat u l-appellant Aġius, ladarba n-negozju ma seħħx Aġius ma kien għad fadallu l-ebda raġuni biex ma jroddx lura lil Żammit il-flus li dan kien tah mingħajr ma ngħata korrispettiv: l-appellant Aġius ma setax jeħles minn dik ir-rabta billi jwikki lill-appellat Żammit b'xi arranġament li Aġius qal li kellu mal-imħarrek Baldacchino, li bih inqeda mill-flus mgħoddija lilu mill-appellat Żammit biex xtara materjal għall-benefiċċju ta' Baldacchino f'xogħlijiet li wkoll mhux bilfors kellhom x'jaqsmu mal-garaxx. Minbarra dan, mill-provi ħareġ li l-appellant Aġius

[10] Dok "B", f'paġġ. 9 – 11 tal-proċess.

dabbar rasu u l-kreditu li kellu ma' Baldacchino sarrfu kollu għall-vantaġġ tiegħu (fil-kuntratt ta' Jannar, 2007, li bih l-għarus ta' bintu kiseb l-arja ta' ġid ieħor) u mhux biex jindokra l-interessi tal-appellat Żammit li baqa' skopert. Minn qari tas-sentenza appellata[11], il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti kienet qed tirreferi għall-kwistjoni li nqalgħet bejn l-appellant Aġius u l-imħarrek Baldacchino dwar il-valuri fuq il-materjal li ġie supplit u x-xogħol li twettaq minn Aġius għall-benefiċċju tiegħu (jew ta' xi kumpanija tiegħu) – kwistjoni li l-appellat Żammit tassew ma kienx parti minnha;

21. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex taqbel mal-ewwel Qorti li, f'dan ir-rigward, il-kwistjoni bejn l-appellant Aġius u l-imħarrek Baldacchino kienet tabilħaqq waħda *res inter alios* għall-appellati Żammit, u li r-rifużjoni tal-ħlasijiet li saru lil Aġius kellha ssir mill-istess Aġius u mhux minn ħaddieħor;

22. Illi fit-tielet parti tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant Aġius jgħid ukoll li l-ewwel Qorti ma laqgħetx il-provi li ressaq dwar il-konverżjoni ta' flus f'materjal u xogħol mogħti lill-imħarrek Baldacchino *proprio* u *nomine*. Għar-raġunijiet li għadhom kemm issemmew[12], din il-Qorti tqis li dik il-kwistjoni ma kellhiex iġġib fix-xejn il-pretensjoni tal-appellati Żammit. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għażlet li ma tidħolx fil-kwistjoni ladarba din kienet waħda li tolqot lill-appellant Aġius u lill-imħarrek Baldacchino u

[11] Ara para (iv) f'paġ. 355 tal-proċess.
[12] § 20 *supra.*

mhux lill-appellati Żammit. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti f'dan u tara li dan l-ilment ma kellux ikun imqajjem biex ixejjen is-siwi fil-mertu tat-talbiet attriċi;

23. Illi, fir-raba' lok, l-appellant Agius jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti sabet li hu ma kienx mexa sewwa mal-appellat Żammit u ħallih għal rieħu filwaqt li hu wasal fi ftehim fuq is-sehem tiegħu għar-rifużjoni tal-flus mal-imħarrek Baldacchino. L-appellant Aġius jiċħad dan u jisħaq li għamel l-almu tiegħu biex jgħin lill-appellati Żammit jiġbru flushom lura f'aktar minn okkażjoni waħda;

24. Illi mill-atti jirriżulta li, tabilħaqq, l-appellant Aġius ittanta kemm-il darba jħajjar lill-imħarrek Baldacchino jrodd il-flus lill-appellati, iżda l-ewwel Qorti waslet għall-fehma li, għall-istess raġunijiet li ngħataw aktar 'il fuq, il-flus kellhom jintraddu lura lill-appellati mill-appellant Aġius u mhux mill-imħarrek Baldacchino. Ladarba baqa' ma sarx konvenju, il-ħlas ta' flus mill-appellat Żammit lill-appellant Aġius sar ħlas bla kawża u ma ntweriex li dik l-obbligazzjoni ta' radd lura kienet issarfet f'xi obbligazzjoni ġdida jew f'novazzjoni. Is-somom li l-appellat Żammit ħallas lill-appellant Aġius ma kienx dovut lil dan, u għalhekk inħoloq indebitu *ex re*[13] u Aġius bil-liġi ried iroddu lura u mhux jassenja l-ħlas lil ħaddieħor[14]. Minbarra dan, l-ewwel Qorti għamlet osservazzjoni fattwali meta sabet li

---

[13] Art. 1147 tal-Kap 16.

[14] App. Inf. PS **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Korporazzjoni Enemalta v. Renato Sacco.***

l-appellant ħa qies tal-interessi tiegħu u kejjel b'xibru billi, b'xi mod, irkupra flusu mingħand l-imħarrek Baldacchino u li l-appellati baqgħu b'xejn. Ix-xewqa tiegħu li huma jiġbru flushom mingħand l-imħarrek Baldacchino ma kinitx biżżejjed biex titfi l-obbligu li kellu li jroddilhom lura s-somom li kienu tawh;

25. Illi fil-ħames lok, l-appellant Agius jilmenta li l-ewwel Qorti warrbet l-istqarrijiet u s-sottomissjonijiet tal-appellati mressqa quddiemha li jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu li l-persuna li kellha tagħti l-ħlas lura lill-appellati kienet l-imħarrek Baldacchino u mhux hu. L-ewwel Qorti jidher li ma kinitx konvinta li dan kien minnu u fis-sentenza appellata tat aktar minn raġuni waħda għalfejn waslet għal dik il-fehma[15];

26. Illi meta din il-Qorti fliet il-provi mressqa, ħareġ ċar li, bħala persuna nieqsa mill-esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni, l-appellat Żammit spiċċa vittma mhux biss tal-imħarrek Baldacchino iżda wkoll tal-appellant Aġius. Kif itenni l-istess appellat, kien hemm waqtiet fejn spiċċa jiżfen bejn iż-żewġ appellanti, jipprova jsib tarf għand min spiċċaw flusu[16]. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa spiċċa biex kellu jressaq talba għar-radd lura ta' flusu fil-konfront tat-tnejn li huma. L-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti biex tgħarbel il-provi mressqa quddiemha jixhed li hija ħabirket biex tagħraf il-qofol tal-ġrajja lil hinn mill-atteġġamenti li ż-żewġ partijiet

[15] §§ 6 – 7 tas-sentenza appellata, f'paġġ. 555 – 6 tal-proċess.
[16] Ara x-xhieda ta' George Żammit f'paġġ. 105 u 106 tal-proċess.

imħarrkin ħadu kemm fil-konfront ta' xulxin u, aktar minn hekk, fil-konfront tal-atturi appellati. Dak l-eżerċizzju ma jurix li l-ewwel Qorti tassew "trattat il-vertenza fuq il-binarji tagħha, bħal speċi hi kienet waħda mill-partijiet għall-litiġju"[17] bħalma jixliha l-appellant Aġius. Minflok, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ħaddmet b'għaqal il-liġi li kienet tgħodd għall-każ fuq is-saħħa ta' dawk fost il-provi – kemm xhieda u kif ukoll provi dokumentali – li kienu tassew rilevanti għas-soluzzjoni tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti tasal għall-istess fehma tal-ewwel Qorti u ma tarax li għandha x'tiċċensura fil-mod kif wettqet dak l-eżerċizzju;

27. Illi fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li l-appellant Aġius taha raġuni tajba li twassalha biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li wettqet l-ewwel Qorti, u tqis li l-ewwel aggravju m'għandux mis-sewwa u ma jistħoqqlux jintlaqa';

28. Illi fit-**tieni aggravju**, l-appellant Aġius jilmenta li l-ewwel Qorti kien messha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu. F'dik l-eċċezzjoni huwa qajjem in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi billi jgħid li b'din il-kawża, l-appellati Żammit ittantaw iressqu azzjoni kontra tliet intimati fuq żewġ merti differenti. Żied jgħid li l-azzjoni tressqet fuq kawżali differenti li bejniethom m'hemm ebda rabta, liema każ kellu jwassal lill-ewwel Qorti tiddikjara n-nullità tagħha. Huwa jgħid li tant kienet mistħoqqa dik l-

[17] Rikors tal-Appell tiegħu f'paġ. 384 tal-proċess.

eċċezzjoni, li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, kienet sabet li parti min-negozju kien *res inter alios acta* fir-rigward tal-atturi appellati;

29. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li n-natura ta' azzjoni hija determinata mill-indoli tagħha. Dawn joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża. Qari xieraq tal-att li bih infetħet din il-kawża ma jħalli l-ebda dubju li l-appellati jsejsu l-azzjoni tagħhom fuq ħlas lura ta' flejjes li ħarġu għax-xiri ta' garaxx li l-att finali tiegħu baqa' ma seħħx. Huma jitolbu li l-Qorti ssib lill-imħarrkin jew min minnhom responsabbli għall-ħlas lura mitlub. L-ewwel Qorti qieset sewwa n-natura tal-azzjoni tagħhom u, konformament ma' dak mitlub u wara li wieżnet il-provi mressqa, qatgħet il-kawża billi wkoll sabet kemm kien l-ammont dovut minn kull waħda mill-partijiet imħarrkin;

30. Illi ma hemm l-ebda dubju li, minkejja x-xejriet x'aktarx prattiċi u utilitarji li l-qrati jidher li jieħdu biex, kemm jista' jkun, kawża tkun salvata u azzjoni titqies fil-merti sewwa tagħha, jibqa' dejjem il-fatt li l-liġi għadha tagħraf li xi azzjonijiet ma jistgħux joqogħdu flimkien[18]. Il-parti attriċi ma jindaħlilha ħadd fl-għażla tagħha liema azzjoni trid tmexxi 'l quddiem, iżda hemm għażliet li ma jħallux lil dik il-parti titfa' kollox f'qoffa waħda bit-tama li xi ħaġa tajba toħroġ minnha. Din il-Qorti hija tal-fehma li att ġudizzjarju

[18] B'eżempju, tissemma l-inkompatibilità bejn azzjoni possessorja u waħda petitorja fl-istess att (ara App. Ċiv. **27.5.1912** fil-kawża fl-ismijiet ***Massa v. Paċe noe*** (Kollez. Vol: **XXI.i.488**) u P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Debono v. Michael Mifsud*** (mhix appellata) fost ħafna oħrajn).

m'għandux jitħassar kif ġieb u laħaq u, safejn jista' jkun, ma tħassrux. Din il-Qorti ttenni li ma għandhiex tħalli l-kwistjoni sostantiva tinġieb fix-xejn fuq il-konsiderazzjoni tal-formalità;

31. Illi din il-fehma tagħha hija msaħħa wkoll bi kliem il-liġi nnifishom meta, b'riferenza għas-sub-inċiż (ċ) tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jingħad li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju ma tistax tingħata jekk kemm-il darba n-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni tal-liġi. F'dan ir-rigward, jiġi f'moħħna l-Artikolu 175 tal-istess Kodiċi li jħalli li jsiru bidliet tassew radikali f'att ġudizzjarju b'mod li ma jħalluhx jitħassar[19];

32. Illi lanqas ma jista' jingħad li l-azzjoni attriċi tkun waħda "konfliġġenti" minn għeruqha jekk kemm-il darba tkun mibnija fuq iżjed minn kawżali waħda, sakemm l-istess kawżali ma jkunux ta' għamla li ma jkunux jistgħu għal kollox joqogħdu flimkien. Xieraq jingħad ukoll illi meta l-attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid ikun responsabbli biżżejjed illi jagħti l-opportunità lill-parti mħarrka tiddefendi lilha nnifisha fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa[20];

---

[19] App. Inf. PS **15.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Keyland Co Ltd et v. Josephine Xuereb***.
[20] Ara, b'eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et v. Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**).

33. Illi fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti fliet it-Tweġibiet Maħlufa taż-żewġ partijiet imħarrka u waslet għall-fehma li la l-appellant Aġius u lanqas l-imħarrek Baldacchino fil-kwalità li fiha tħarrek ma sabu rwieħhom f'diffikultà biex jiddefendu ruħhom. Ir-raġuni li wasslet lill-atturi appellati jmexxu l-azzjoni tagħhom bil-mod magħżul kienet tirrifletti l-kumplikazzjonijiet li l-partijiet ħolqu huma stess f'negozju li kellu jkun wieħed sempliċi u li spiċċa nbidel f'taqtigħa biex kulħadd jiġbor sehemu. Filwaqt li jista' jkun li xi parti min-negozju ma kellhiex x'taqsam ma' parti oħra, jibqa' l-fatt li l-ħolqa komuni bejniethom kienet il-ħlas imwettaq mill-appellati. Dan il-fatt għarfuh iż-żewġ partijiet imħarrkin billi, biex jiddefendu l-qagħda rispettiva tagħhom, daħlu f'dettal u taw raġunijiet għaliex fil-fehma tagħhom ma kellhomx jitqiesu bħala kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi jew kif ukoll għaliex fil-mertu t-talbiet attriċi fil-konfront tagħhom ma kellhomx jintlaqgħu. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ħaġa waħda biss, jiġifieri li l-azzjoni mressqa mill-appellati Żammit kienet ċara biżżejjed u mhux magħmula minn pretensjonijiet li ma joqogħdux flimkien;

34. Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-fatti u wkoll fid-dawl tal-għamla partikolari ta' azzjoni mibdija mill-atturi appellati, din il-Qorti ssib li għandha taqbel mal-ewwel Qorti li l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-appellant Aġius ma kienx jistħoqqilha tintlaqa';

35. Illi għaldaqstant lanqas it-tieni aggravju tal-appellant Aġius m'għandu mis-sewwa u mhux ser jintlaqa';

***Deċide:***

36. Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni** milli tqis aktar l-appell tal-appellanti Ġeorġina Aġius bħala werrieta ta' żewġha Paul Baldacchino, ladarba ċedietu;

**Tiċħad l-appell** tal-imħarrek Emanuel Agius billi jirriżulta li mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ġunju, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi; u

**Tordna** li kull wieħed mill-imsemmija appellanti jħallas l-**ispejjeż** kollha tal-appelli mressqa minnhom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm